MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru. 572/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**ANTON F. ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTON F. ATTARD** bin Emanuel u Angela nee Gatt, imwieled nhar l-erbatax ta' Frar 1943 u residenti 7, Trejqet l-Exchange, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 16943G, gie mressaq quddiemha akkuzat minn Reverendu Dun Karm Grech, talli f'Ghawdex wara Gunju 2003, permezz tal-pubblikazzjoni bl-isem "L-Arci Matrici li qatt ma kienet"' bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Reverendu Dun Karm

Grech, wegghu bil-kitba tieghu u mmalafamah u dan billi attribwixxa lejh fatti determinanti bi skop li joffendi l-unur u l-fama tieghu jew li jesponih ghar-ridikolu jew ghad-diprezz tal-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 20 tal-Att tal-Istampa.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju u lix-xhieda prodotta mid-Difiza.

Rat d-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kwerela tar-Reverendu Carmelo Grech esibita a fol 5 et seq tal-atti, n-nota ta’ referenzi tal-kwerelanti Reverendu Carmelo Grech esibita a fol 30 et seq tal-atti w in- nota responsiva tal-imputat ghan-nota ta’ referenzi tal-kwerelanti li tinsab esibita a fol 43 et seq tal-atti w ir-riposta tal-parte civile ghan-nota responsiva tal-imputat li tinsab esibita a fol 61 tal-atti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005.
Ikkunsidrat:

Qabel ma tidhol fuq il-mertu tal-kawza, il-Qorti hija rinfaccjata b'eccezzjoni procedurali, mqajjma mid-difiza fin-nota taghha presentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Settembru 2005, u cioe li l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat huma nulli u dan ghar-raguni li l-Prosekuzzjoni tmexxietx direttament mill-Pulizija Ezekuttiva.

Illi dwar din l-eccessjoni, kemm il-Prosekuzzjoni kif wkoll l-parte civile ma qalu xejn w ghalhekk hija din il-Qorti li ser taghti d-decizjoni taghha preliminarjament fuq dan il-punt.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fl-istess ismijiet fejn din l-istess eccezzjoni giet trattata.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija minnha nhar ***t-tnejn ta' Gunju 2005*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Akiko Taratani Zeitlin**, u ghal gabra ta' sentenzi hemm citati, liema sentenzi gew kollha riprodotti fin-nota tal-istess difiza fejn gie ritenut li "sabiex jitmexxew proceduri taht l-Att tal-Istampa [Kap 248] tal-Ligijiet ta' Malta, w appuntu skond l-artikolu 11 tal-istess Kap, il-Pulizija Ezsekuttiva m'ghandhiex tkun parti fil-kawza izda l-Prosekuzzjoni trid titmexxa mill-kwerelant, w ghalhekk il-kawza trid tinbeda b'tahrika ta' kawza privata u dan skond l-artikolu 31 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 373 u 374 tal-Kodici Kriminali." [vide **Il-Pulizija v Joseph Sciberras et *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar 1997***].

Illi konsegwentement ghalhekk, ghal darb'ohra din il-Qorti tirrileva li l-proceduri odjerni in kwantu jirreferu ghal artikolu 11 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta huma rritwi u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjonni ta' tali akkuzi naxxenti mill-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta u t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-artikolu 20 tal-istess Att tal-Istampa.

Illi issa jmiss lil din il-Qorti tittratta t-tieni akkuza u cioe dik moghtija skond l-artikolu 252(1) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe dik t'ingurja.

Il-parte civile hija tal-fehma li l-Qorti ghandha tara jekk l-imputat bi kliemu, ingurjax lil kwerelanti billi offenda l-unur u l-fama tieghu jew jekk esponihx ghar-ridikolu. Hija sostniet li din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-parte civile hiex korretta o meno fl-osservazzjonijiet storici taghha u dan ghaliex m'humiex il-kontenut tat-teorija jew il-kitba tal-esponenti li qed tigi evalwata fil-kawza odjerna izda jekk li l-ktieb ghandux jigi evalwat <u>limitatament</u> sabiex jigu konkluz jekk il-kontenut tieghu huwiex malafmanti fil-konfront tal-kwerelat.

Dwar il-mertu, d-Difiza sostniet fin-nota taghha fuq imsemmija tas-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2005 [fol 52], li hemm erbgha ragunijiet partiikolari li a bazi taghhom l-imputat ghandu jigi liberat mill-imputatazzjoni

kif dedotti, u dan ghaliex fl-ewwel lok hemm nieqes l-element materjali tar-reat u fit-tieni lok hemm nuqqas ta' *animus injurjandi*. Fit-tielet lok, eccepixxa d-difiza ta' *fair comment* u fl-ahhar nett li kritika harxa hija permissibbli.

Fid-dawl ta' dak li rrelatat d-Difiza fin-nota taghha, il-Qorti thoss li qabel xejn ghandha taghmel xi konsiderazzjoni legali dwar l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar t-tieni akkuza u cioe dik moghtija ai termini tal-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid.

Dan r-reat in kwistjoni u cioe li "'kull min bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, jwegghu bi kliem, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jehel meta jinstab hati…", gie definit mill-Qrati taghna bhala r-reat t'ingurja gravi jew specifika, maghmul permezz ta' kitba a differenza mir-reat ta' ingurja generika diretta lejn persuna presenti *de visu* ai termini tal-artikolu 252(2) tal-Kap 9 u li hu distint mill-ingurja kontravenzjonali kontemplata fl-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Jippresupponi li l-offiz huwa assenti ghaliex dan huwa reat fejn hija offiza <u>prevalentement r-reputazzjoni jew gieh tal-persuna</u> aktar milli dik l-persuna nnifisha. Huwa proprju ghalhekk li dan l-artikolu 252(1) huwa delitt u jirrikjedi li l-intenzjoni kriminuza specifika ta' min iwettaq dan r-reat, tkun li bhala rizultat ta' dak l-att kriminuz tieghu, tigi mnaqqsa jew imtellfa r-reputazzjoni jew gieh ta' l'hekk imsejjah offiz.

Dan l-artikolu a differenza tar-reat ta' l-ingurja l-ohra msemmija li hija diretta lejn il-persuna w issir fil-presenza taghha, ghandu bhala skop ewlieni tieghu li jipprotegi il-gieh jew r-reputazzjoni ta' xi persuna fis-sens li dawn l-kwalitajiet ma jigux imnaqqsa jew dannegjati b'azzjoni miktuba li tkun intenzjonata jew valutata li twassal ghal dak l-effett jew rizultat.

Huwa ovvju ghalhekk li sabiex il-gieh u reputazzjoni ta' xi hadd jigu mnaqqsa l-agir ta' min hu allegat li qed iwettaq l-att kriminuz b'kitba, disinji, stampa eccetra, m'ghandhux

jigi indirizzat direttament *de visu* lejn il-persuna vittma ta' dan l-agir, izda dan il-materjal allegatament ingurjuz, ghandu jigi cirkolat ma terzi, dan ghaliex huma dawn t-terzi persuni li b'mod oggettiv, jistghu jghidu jekk effettivament dak l-agir kellux l-effett fuqhom li jnaqqas f'ghajnejhom, jew fl-opinjoni taghhom, il-gieh jew r-reputazzjoni tal-persuna li ghaliha dak l-materjal suppost qed jirreferi.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkazzjoni li tikkonferma dan il-hsieb fis-sentenza taghha moghtija ***nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mario Grixti** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali ***nhar l-hdax ta' Settembru 2001***).

Fuq dan il-punt l-awtur famuz Taljan **Antolisei** jghid:

"*Per la consumazione del reato di difamazione, e' necessario che l'espressione offensiva pervenga a conoscenza di un' altra persona <u>e sia da altri percepita</u>. La perfezione del reato si verifica allorche' i fatti che li concretano vengono a conoscenza di altre persone*."

Anke fis-sistema Ingliz, skond il-**Kenny**:

*"The gist of the matter is the loss of the reputation of a person and this only occurs through publication or circulation to a third party."*

Il-Qorti, ghalhekk, taqbel li sabiex isehh dan it-tip ta' reat, oltre l-intenzjoni kriminuza specifika, oltre l-att materjali tal-kitba malafamanti, irid ikun hemm ukoll, necessarjament, ic-cirkolazzjoni ta' dik il-kitba ma' terzi persuni ohra, ghaliex jekk effettivament il-gieh jew ir-reputazzjoni ta' persuna gewx mnaqqsa jew le jiddependi fuq ir-reazzjoni ta' dawn it-terzi, u mhux fuq ir-reazzjoni personali u soggettiva tal-persuna li lilha tkun inkitbet u tirreferi dik il-kitba. Ghalhekk it-test f'dan it-tip ta' reat ghandu jkun wiehed <u>oggettiv</u> u mhux soggettiv.

Sabiex dan r-reat isehh kompletament hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li huwa rikjest li dik il-kitba tintbaghat mill-awtur

taghha lil xi persuni ohra, imqarr wiehed jew tnejn, li jkunu estranei ghal kwistjoni pendenti bejn l-awtur tal-kitba u l-persuna hemm imsemmija, ghaliex huwa dawk il-persuni estranei li huma t-test jekk dik il-kitba tkunx gabet fihom dak l-impatt dannuz ghar-reputazzjoni jew gieh ta’ xi hadd, liema eventwalita, kif intqal aktar ‘l fuq, huwa l-iskop ta’ dan l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 li jiprotegi.

Issa f’dan il-kaz, zgur li l-kitba nstabet f’idejn terzi ghaliex l-kitba allegatament malafamanti w ingurjuza nstabet fi ktieb ghal bejgh fil-hwienet.

Ghalhekk huwa rekwizit ghal dan r-reat li jkun hemm dan l-element tac-cirkolazzjoni ma terzi tal-materjal ingurjuz, liema cirkolazzjoni ghandha ssir mill-awtur tar-reat <u>bl-iskop specifiku</u> li dak l-materjal, li hu jaf ezattament li hu materjal ingurjuz, sejjer fir-realta, itellef l-gieh tal-persuna msemmija f’dik il-kitba u dan ghaliex huma t-terzi persuni biss li jistghu jiggudikaw jekk dak l-materjal li jkunu rcievew, wassalx sabiex f’ghajnejhom jew fl-opinjoni taghhom, itellef jew inaqqas r-reputazzjoni jew il-gieh tal-persuna msemmija f’dik l-kitba.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali ***nhar l-hdax ta’ Frar 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Baruni Salvinu Testaferrata Moroni Viani**, gie deciz li:

*“L-animus injuriandi jista jigi ppruvat u jkun jirrizulta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, maghmul ma dawn ic-cirkostanzi, l-istess kliem gesti, ecc li jkunu jiffurmaw l-element materjali tar-reat.”*

Waqt li fis-sentenza moghtija ***nhar t-tlieta ta’ Settembru 2001*** minn dik l-istess Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci,** inghad li:

“*Fid-dottrina pacifika ta’ meta l-kliem [jew atti, kitba, disinji ecc.] ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hija presunta li jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuza li jipprova [imqarr fuq bazi ta’ probabbilita] li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltragga izda b’xi skop iehor rikonoxxut mill-ligi li jinnewtralizza l-animus*

*injuriandi*." [vide wkoll **Francesco Cascun v Rev. Sac. Charles Vella – Appell Kriminali – 13.05.1961**]

Kif gia saret referenza aktar 'l fuq, id-difiza f'dan il-kaz thoss li l-imputat m'ghandux jinstab hati peress li hemm nieqes l-element materjali tar-reati u l-*animus injuriandi* w in oltre sostniet li huwa permess li ssir kritika harxa u *fair comment*.

Dwar l-ewwel zewg punti din il-Qorti diga espremiet ruhha mill-punto di vista ta' konsiderazzjoni legali. Dwar il-kwistjoni ta' *fair comment* u kritika harxa, il-Qorti thoss li qabel ma tindirizza l-kaz in ezami minn lenti vicin, ghandha l-ewwel taghti l-konsiderazzjoni taghha legali fuq dawn il-punti.

Fost il-principji llum stabbililti jinghad li l-aktar wiehed mill-importanti huwa l-bilanc li jrid jinzamm bejn il-bzonn li fis-socjeta demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal liberta li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu mal-bzonn l-iehor xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta demokratika ghandha kull dritt li tgawdi.

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta tal-espressjoni hekk wkoll hija essenzjali li huwa wkoll dritt innegabbli li wiehed jipprotegi l-fama tieghu bil-mezzi legali kollha disponibbli [vide **Vincent Borg v Victor Camilleri et** – deciza A.C. 15.11.1994 – LXXVIII. 11.1.372]

Illi veru li kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu w anke jaghti l-gudizzju tieghu <u>pero</u> tali espressjoni m'ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti tali lil xi persuna b'mod li jattakkaw r-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu meta tali atti lanqas ikunu veri.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Onor. Charles Buhagiar v Ray Bugeja** [PA 19.01.96] il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta' espressjoni libera teccedi dak ragjonevoli u ghandha tigi punita, ghaliex issir minflok ksur tad-drittijiet

ta’ haddiehor, huwa proprju fejn l-espressjoni tigi bazata fuq fatti skorretti.

Illi f’dan il-kuntest, d-differenza bejn ‘allegazzjoni ta’ fatt’ u ‘*comment*’ hija wahda li stabbilit fil-gurisprudenza taghna, pero dan biss f’kawza ta’ libell u mhux t’ingurja taht l-artikolu 252(1), kif akkuzat l-imputat.

F’materja t’ingurja bl-istampa biss ghandha ssir distinzjoni bejn ‘*allegation of fact’* u dak li huwa ‘*comment’*. Biex tirnexxi d-difiza tal-verita tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-‘*comment’* biex ikun gustifikat, irid ikun ‘*fair and bone fide’* u ma jistax ikun ‘*fair and bona fide’* jekk l-fatt attribwit lil kwerelant ma jkunx veru. [**Reginald Miller v Harold Scary - XXXVI. IV. 843**]

Dejjem b’referenza ghal kawzi ta’ libell ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*fair comment* jekk ma jigux ippruvati sodisfacentement il-fatti addebitati lil kwerelant u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-*justification* u jekk l-fatti ma jkunux veri, lanqas jista jkun hemm *fair comment*. [**Anglu Camilleri v Arthur Zammit –Vol. XI. IV. 1195; Dottor Joseph M. Ciappara v Joseph Zammit deciza nhar t-tlieta ta’ Ottubru 1991**].

Illi sabiex isir dan l-ezami, wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali u ordinarju taghhom u dan ifisser “*in the meaning which reasonable or ordinary men of intelligence, with the ordinary men’s general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them*”, da jista jinkludi “*any implication or reference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not followed by any strict rules of construction would draw from the word*.” [**Jones and Skelton – 1963 – WLR pg. 1371 PC**]

Illi fil-fatt inghad wkoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx gie espressament miktuba izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x’ikun qed jigi manifestament imputat, hemm kawza ta’ libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ppruvati. [**Onor. Seg. Perit Dottor Joseph Fenech v Evarist Bartolo nomine – Appell Kriminali – 08.06.1999**]

Illi dan jista jsir wkoll permezz ta' "*innuendo*" li fil-kawza **G. Strickland v Goffreda Chritien** [XXXIX. I. 1889 – deciz nhar t-tnax ta' Frar 1937] giet imfissra hekk:

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba nkriminati u li hija trid li tigi milqugha mill-gudikant."*

Illi fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Olivieri Monroe** [XXXIII. IV. 824] inghad li:

*"F'materja t'ingurja permezz ta' l-istampa, l-ingurja tista tirrizulta peremezz ta' innuendo. L-innuendo jista jkun ta' zewg xorta jigifieri:*

*a. dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemmiet b'isimha;*
*b. dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata.*

*In oltre, sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu hux libelluz jew le, wiehed ghandu jhares mhux biss l-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran u f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra <u>mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra il-qarrej</u>."* [**Dominic Mintoff v Thomas Hedley et deciz fil-Prim' Awla nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1953**].

Dwar id-definizzjoni ta' kritika harxa mressqa mid-difiza, li wkoll hija eccezzjoni li titqajjem f'libelli, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija nhar t-tmienja ta' Novembru 1995 mill-Qorti tal-Appelli Civili fl-ismijiet **Mons. Anton Gauci v Michael Schiavone et** fejn intqal li meta ngurja hija diretta kontra persuna fizika:

"*Il-margini ta' tolleranza twessa u mhux kull kumment qawwi w anke azzardat jikkwalifika bhala ngurja*."

"Dan li l-Qorti ghandha tippermetti l-attitudini fil-kritika li tista tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro l-limiti accettati tad-dicenza permissibbli f'socjeta demokratika" u tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija ndirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta' pubblika, il-kritika tkun ta' interess pubbliku u fejn il-kritika tkun bbazata fuq u mibnija dwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Dwar d-difiza ta' kritika harxa, il-Qorti trid tara jekk l-brani tal-imputat humiex biss kumment w allura espressjoni ta' opinjoni jew anke kritika da parti tal-imputat fil-konfront tal-kwerelant, jew inkella humiex allegazzjonijiet ta' fatt da parti tal-istess imputat fil-konfront tal-kwerelant u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma hemmx dubbju li kulhadd ghandu dritt jaghti l-opinjoni tieghu fuq l-operat ta' haddiehor, kif tajjeb osservat d-difiza, pero din qatt ma tista tasal biex tibbaza ruhha fuq fatti li ma humiex veri jew ippruvati, u wisq inqas tali opinjoni ma tista u m'ghandha qatt tinsinwa fatti mhux veri fil-konfront tal-persuna li lejha tkun diretta tali kritika, ghaliex l-ezercizzju tad-dritt li wiehed jaghmel kumment anke azzardat hafna, ghandu dejjem il-limiti tieghu li jibbaza ruhu fuq fatti li huma veri u sostanzjati ghaliex altrimenti ma jkun kumment xejn, izda attribuzzjoni ta' fatti skorretti ghad-dannu ta' haddiehor, u hemm immedjatament tiskatta l-protezzjoni tal-ligi ghal fama tal-persuna hekk attakkata jew malafamata.

Illi hekk fil-kawza fuq citata fl-ismijiet **Onor. Charles Buhagiar v Ray Bugeja** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civli ***nhar d-dsatax ta' Jannar 1996***, intqal li:

*"Il-linja medjana fejn proprju d-dritt tal-espressjoni tinbena teccedi lil dik ragjonevoli w ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprio… fejn l-esperessjoni tigi bazata fuq fatti skorretti. F'dan il-kaz, jonqos l-professjonalizmu u l-istharrig serju u minflok jidher generalizmu bbazat fuq allegazzjonijiet w ghajdut li ma jirrispekkjawx l-fatti."*

Illi dan il-principju gie wkoll ikkonfermat fis-**sentenzi Onor. Josef Bonnici v Joe Chetucti u Frans Ghirxi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ***nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 1999*** u fil-kawza fl-ismijiet **Reverendu Monsinjur Dottor Joseph Vella Gauci v Ray Bugeja** deciz ***nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1999***.

Illi konsistenti ma dan il-principju, jsegwi li:

*"Kemm il-darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lil attur, huma fatti ingurjuzi ghal ahhar."*

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Edgar Bonnici Cachia v Dottor Michael Frendo et noe** deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ***nhar s-sebgha w ghoxrin ta' April 1999*****,** sostniet li:

*"Il-Qorti tikkomprendi l-bzonn li jkun hawn stampa hielsa u tifhem wkoll li ndizji ta' certu "hoss" ma jistghux ma jixxandrux. Minn naha l-ohra, il-Qorti qatt ma kellha u ma jistax ikollha, simpatija ma kitbiet li "jhammgu" gravament r-reputazzjoni personali … minghajr ma jkollha l-fatti riprodotti b'mod li jirrispekkjaw l-verita."*

Illi dan hu proprju d-distinzjoni bejn 'allegazzjoni ta' fatt' u 'kummenti fuq l-fatt' jew 'allegati fatti', wahda deciziva jew kif ahjar maghrufa '*allegation of fact*' u '*comment*'. [vide **Professur John Rizzo Naudi v Felix Agius et –** ***deciz nhar t-tlettax ta' Mejju 1997***].

Din il-Qorti ma kellhiex ghal fejn tidhol u tispjega l-posizzjoni reali ta' *fair comment* ghaliex tali difiza ma tistax tinghata ghal reati t'ingurja pero dan l-ezercizzju ghamlitu permess li jista jkollu relevanza sottili li meta hija tigi biex taghmel apprezzament tal-kitba li ghamel l-imputat, allegatament ingurjuza lejn Patri Karm Grech.

Illi jibda biex jinghad wara li ghamlet enuncazzjoni tal-ligi li din il-Qorti sejra tezamina l-provi biss fil-konfront tal-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni bazati fuq l-kwerela tal-

parti u limitatament dwar il-brani li l-kwerelant qed ihoss li huwa gie malafamat bil-ktieb tal-imputat.

Illi ma hemmx x'nghidu li d-determinazzjoni tal-Qorti fuq dan il-punt ghandu jkun u qed ikun bbazat fuq dak kollu li jirrizulta lilha fl-atti processwali ghaliex il-process gudizzjarju jimponi u jirrikjedi li l-gustizzja finali f'kull kawza ghandu jigi bazat unikament, esklussivament u biss fuq dak li jirrizulta mill-atti u kull konsiderazzjoni ohra hija estraneja ghal dan l-ezercizzju.

Illi l-imputat qed isostni li hu kiteb il-ktieb tieghu li gie msejjah '**L-Arci Matrici li qatt ma kienet**' wara li Dun Karm Grech kien ippubblika l-ktieb '**Il-Knisja Arci Matrici tal-Belt u l-Gzira ta' Ghawdex**' ghaliex hass li f'dak l-ktieb, Dun Karm Grech ma provdiex fatti veri dwar l-istorja u cioe li fil-fehma tieghu, San Gorg huwa l-Matrici u l-Arci Matrici ta' Ghawdex ghalkemm l-imputat isostni mod iehor.

Il-Qorti b'pacenzja u b'dedikazzjoni kbira, qrat l-ktieb li ppublika l-imputat u cioe '<u>**L-Arci Matrici li qatt ma kienet**</u>', u hija tal-fehma li l-ktieb huwa ngurjuz ghall-ahhar f'hafna partijiet minnu.  Fl-introduzzjoni ta' dan l-istess ktieb, l-imputat jghid u jammetti li hareg il-ktieb tieghu ghaliex fil-fehma tieghu, il-kwerelant fil-ktieb '**Il-Knisja Arci Matrici tal-Belt u l-Gzira ta' Ghawdex**' ma fihx fatti veri w ghalhekk hass li kellu ifiehem lil qarrej x'inhuma l-veri fatti.  Minnufih ghalhekk jirrizulta x'kienet l-intenzjoni, l-*animus*, tal-imputat meta kiteb dan il-ktieb.  Din il-Qorti mhux ser tikkummenta dwar il-fatti sotrici li hemm fiz-zewg kotba ghaliex mhux kompitu taghha u del resto, il-fatti storici ma tafhomx pero sejra tikkummenta dwar l-stil ta' kitba addottata mill-imputat fil-ktieb tieghu.

L-imputat jibda u jghid li Dun Karm Grech "*<u>Ippretenda</u> li qed jghid il-verita sagro santa … imma dokumenti gab biss dak li ghogob lilu w interpretah <u>kif qabillu</u> … l-ideat tieghu* [b'referenza ghal Dun Karm Grech] *ma kienux la originali ui lanqas godda, imma <u>kkuppjat</u>i … imma jkolli nammetti li l-izvarjament ta' dawn l-ideat tant hu fin, li ghal*

*<u>mohh lajk</u> w <u>inespert</u> f'dak li hu storja, malajr jistghu jittiehdu u jinbelghu li huma tassew verita.*"

Jghid wkoll [fol 10 tal-ktieb] li Dun Karm Grech waqa' <u>fil-qerq</u> u li ghalhekk kiteb il-ktieb tieghu. Jikkonkludi l-introduzzjoni tieghu billi jghid "*Nittama li jintlaqa tajjeb mhux biss mill-istorici in generali, imma jkun wkoll ta' <u>twiddiba ahharija ghan-naha ta' San Gorg li aktar ma jrattbu rashom malajr</u>, aktar ikun jaqbel lilhom u lil kulhadd*."

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-ktieb w innutat li dan l-ktieb huwa attakk dirett u kontinwu fuq l-integrita, dekor u fama ta' dan is-sacerdot.

Fil-Kapitolu 1 a fol 11, b'referenza ghal ktieb ta' Dun Karm Grech, l-imputat jghid "*Il-qerq sfaccat li jippresenta dan il-ktieb lil qarrejja, qerq li mhux biss jaghmel dizunur lil min kitbu, imma jibqa wkoll bhal tebgha sewda fl-istorja tal-Bazilika ta' San Gorg … ghaliex kull ma fih dan il-ktieb, mhux hlief ideat sturprati ta' haddiehor, ripetuti, ikkupjati u manipulati li* [il-kwerelant] *nizzilhom fl-istonku tieghu w inbelghu, rega' rrigetthom fuq il-qarrejja tieghu. Storja bhal din saret fl-imghoddi. Il-qerq inqabad u l-ghajba tieghu baqa jissemma fl-istorja.*"

Ma hemmx dubbju li din il-kitba hija nsolenti ghal ahhar u mhux diretta lejn xi fatti storici izda hija kitba personalment diretta lejn il-persuna tal-kwerelant.

Huwa wkoll insolenti fil-fatt, meta l-imputat ikompli jghid fl-istess Kapitolu 1, "*Mill-imghoddi ma tghallem* [b'referenza ghal kwerelant] *xejn ghax kieku tghallem, ma kienx ser jazzarda jpoggi ismu fuq pubblikazzjoni nfelici u ta' <u>ghajb</u> bhal din*."

Dejjem fl-istess Kapitolu, l-imputat ikompli jinsulenta lil kwerelant u jghid "*Dan hu kliem tad-deheb li kieku Karmenu Grech applikah ghalih nnifsu, ma kienx jaqa fl-izbalji li waqa fihom, zbalji li ma jithassrux bil-gomma, zbalji li ser ipogguh mal-lista ta' nies <u>mistkerha</u> mill-istorja*

*ghaliex ippruvaw <u>jghawwgu l-verita u nqabdu</u> … <u>t-tajn li tefa' ser jerga jdur ghal fuq wiccu u javvelih ma kulhadd</u>.*"

Hawnhekk, l-imputat ghal darb'ohra qed ikun personali, mhux qed jaghmel kritika tal-ktieb izda kritika harxa lejn il-kwerelant u bl-istil li ghazel qed jipprova javvelixxi lil istess kwerelant mas-socjeta. Dan il-hsieb tal-Qorti hu aktar kollorborat mill-kliem li uza l-imputat a fol 23 tal-ktieb tieghu meta jghid "*Il-kitbiet ta' Karmenu Grech huma ideat ikkupjati ! Plagjarizmu ta' ideat maghmulin minn qassis intelligenti u li jmissu jaf ahjar*."

It-ton sarkastiku tal-imputat jaqa fl-insolenza lejn l-istess Sacerdot Dun Karm Grech u jkompli jinsulentah meta a fol 57, jghidlu "*Jidher li Karmenu Grech ma jaf xejn dwar l-gerarkija tal-knisja kattolika minkejja li hu qassis*" u darb'ohra, a fol 33 t-ton sarkastiku tal-imputat "*Miskin kemm hu sincier Karmenu Grech ! … Dan hu stil partikolari mimli qerq mill-bidu sa l-ahhar…*"

L-imputat jghajjar lil Durn Karm Grech li hu halliel ghaliex "*Jisraq dak li bi dritt hu tal-knisja Matrici Kolleggjata u Katedrali ta' Ghawdex biex jaghtih b'mod <u>illegittimu</u> lil San Gorg*."

Jghajjru wkoll li hu marid u paranojiku u jghid, a fol 66, "*Dawn qed jahsbu li kulhadd ghandu l-istess mentalita paranojika taghhom.*"

Ma hemmx dubbju li l-imputat qua awtur tal-ktieb jiddedika parti kbira mill-ktieb jingurja lil Dun Karm Grech f'pagna 85 jghid "*Karm Grech <u>intenzjonalment</u> ma qalx il-verita kollha*", a fol 84 jghid "*Karm Grech malizzjosament jghid biss nofs il-verita*", a fol 72 "*Karmenu Grech jidher gharaf daqs Salamun*", a fol 92 jghid "*Wiehed ghandu ghax jiskanta kif Karmenu Grech jaqa fl-isbalji u banalitajiet minhabba l-pregudizzju tieghu, imbaghad fejn jidhol San Gorg, Alla jbierek, jigbed il-konkluzzjonijiet illogici li anke student tas-sekondarja kapaci jghid – Dan mhux hekk! Dan qed jghid hmerija.*"

L-insulti tal-imputat lejn il-kwerelat hum akbar tant li spicca ghajjru li hu bniedem qarrieqi u li jinganna lil qarrejja tieghu. A fol 95 l-imputat jghid "*Il-qofol tal-qerq u l-ingann mizrugh permezz tal-ktejjeb ta' Karmenu Grech, jintlahaq fil-Kapitolu 8 meta jsejjah lil Parrocca ta' San Gorg, Arci Matrici bil-falsita diretta.*"

Jghid izjed a fol 107, "*Huwa m'ghamel xejn hlief holoq l-aqwa u l-akbar kapulavur ta' storja falza li qatt inkiteb f'Ghawdex u li bla ma tixraq ghamel ghajb kbir lil istess Parrocca Bazilika ta' San Gorg.*"

Illi ghalhekk mis-suespost, jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn, li l-imputat ghandu jinsab hati tal-akkuza t'ingurja kif dispost fl-atikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva li fil-process ma jirrizultax li giet esibita l-fedina penali tal-imputat w ghalhekk din il-Qorti ser tittratta mieghu bhal li kieku hu *a first time offender* w ghalhekk sejra timponi piena monetarja minflok wahda ta' prigunerija.

**Il-Qorti qeghda presenzjalment twiddeb lil imputat li jekk jidher quddiemha darba ohra b'kitba bhal din hija ma jkollha ebda xelta ohra hlief li tibghatu l-habs**.

Il-Qorti mhux ser tittollera lil xi kittieb sabiex jippubblika ktieb b'insulti w ingurji diretti lejn terzi bit-tezi li hija kritika harxa u mhux attakk dirett lejn l-integrita ta' bniedem.

Dan l-agir m'ghandu **qatt** jigi accettat f'socjeta demokratika li trazzan l-liberta tal-kelma.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 252 tal-Kap 9 u l-artikoli 11 u 20 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddecidi li qed ssib lil imputat ANTON F. ATTARD hati ta' din l-istess akkuza u tikkundannah l-massimu ta' multa permess mill-ligi ta' hames mitt lira maltin**.

Tiddikjara li mhux ser tiehu konjizzjoni tal-akkuzi kif formolati taht l-artikoli 11 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom u konsegwentement tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 20 tal-istess Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------